MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 33/2007

Il-Pulizija
(Spt. Therese Sciberras)

Vs

Carmel Galdes

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-hamsa (5) ta' Settembru 2005, f'Mary Court, Flat 2, Triq Cassarino, San Pawl il-Bahar, f'xi hin bejn s-sitta ta' filghaxija w nofs l-lejl, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Michelle Galdes f'perikolu car, ikkagunalha offizi gravi li jikkagunaw debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, gabu difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew li x'aktarx tkun hekk.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Jannar, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 214, 218 u 221(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ddikjarat li ma sabitx lill-appellat hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu w illiberatu minnha.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-5 ta’ Frar, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w minflok issib htija w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa s-segwenti :- lil-Ewwel Qorti qatt ma setghet tiddikjara li ma ssibx lill-appellat hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu w tilliberah minnha a bazi tal-legittima difiza. Li ma giex invokat l-artikolu 223 jew xi artikolu iehor tal-Kodici Kriminali in sostenn ta’ din id-decizjoni. Din kienet decizjoni fuq kwistjoni ta’ ligi, fejn wiehed ikun liberat ta’ xi haga li jkun ghamel a bazi tal-legittima difiza. Ghalhekk il-Qorti l-ewwel trid tiddikjara li l-imputat (jew akkuzat skond il-kaz) ikunx wettaq l-agir li jikser xi dispozizzjoni tal-ligi kriminali w imbaghad tghaddi sabiex tilliberah minn kull htija w piena minnhabba l-provvedimenti ta’ l-artikoli li jinsabu fis-Sub Titoli III, IV u V tat-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali u tad-dottrina ghar-rigward tal-legittima difiza. Illi mbaghad mic-cirkostanzi kollha tal-kaz ma jikkonkorrux l-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa necessarji biex ikun hemm il-legittima difiza, cioe; l-bzonn li l-minaccja tkun gravi, ngusta, inevitabbli w li, fuq kollox, ir-rejazzjoni tkun proporzjonata ghal-minaccja jew ghall-aggressjoni. Umbaghad ir-rikors tal-appell jidhol fid-dettall biex jispjega ghala l-fatti ma jinkwadrawx fl-elementi tad-difiza legittima.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi s-sentenza appellata tibda biex taghmel ri-epilogu dettaljatissimu tax-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni, li pero', skond l-istess Prosekuzzjoni, ma kienux xhieda okulari tal-incident. Osservat li mart l-appellat u cioe' l-allegata vittma talbet biex ma tixhidx kontra zewgha ghaliex kienet ghadha tghix mieghu – liema talba giet milqugha mill-Ewwel Qorti – mbaghad irriferiet ghall-istqarrija tal-appellat. F' din l-istqarrija, skond l-Ewwel Qorti, l-appellat kien ammetta li ta daqqiet ta' harta lil martu w li gibdilha xagharha, pero' jghid li ghamel dan biex jiddefendi ruhu mill-aggressjoni taghha, ghaliex hi bdiet tmur ghalih waqt li kienet fis-sakra w sabiex ma jhallihiex tohrog mill-gallarija peress li beza' li kienet ser taqbez.

L-Ewwel Qorti mbaghad ghaddiet biex tikkonkludi li dawn il-fatti mhumiex kontestati w ghalhekk irrizulta bic-car li l-imputat ghamel dak li ghamel sabiex jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni tal-vittma. Fil-paragrafu sussegwenti mbaghad iddikjarat li *"ma ssibx lill-imputat Carmel Galdes hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu u tilliberah minnha."*

Ikkonsidrat;

Illi ghalhekk mhux preciz l-appellant meta jghid li l-Ewwel Qorti ma ddikjaratx li l-appellat ghamel xi haga qabel ma lliberatu. Ghal kuntrarju jidher car il-process mentali li ghamlet l-Ewwel Qorti u cioe' li l-ewwel iddecidiet li l-appellat fil-fatt kien "*ghamel li ghamel*" umbaghad kompliet tghid car u tond li dak li ghamel kien biex jiddefendi lilu nnifsu. Bhala konsegwenza ta' dan il-process logiku mbaghad l-Ewwel Qorti lliberat. Ghalkemm forsi din il-Qorti tqis li kien ikun ahjar li kieku l-Ewwel Qorti regghat' tenniet li l-appellat kien qed jigi liberat minnhabba li agixxa fil-legittima difiza tieghu nnifsu, fl-ahhar paragrafu, jidher carissimu mill-ahhar tlitt paragrafi moqrija flimkien x' kien il-process logiku w mentali li bih l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni taghha, w ma ssib xejn

sostanzjali x' ticcensura fih mil-lat purament ritwalistiku. Ghalhekk l-ewwel aggravju, jekk jista' jissejjah hekk, huwa nfondat u qed jigi respint.

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda biss l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti biex, wara li kkonstatat x' kien l-agir tal-appellat, iddikjarat li dan sar fil-kuntest ta' legittima difiza tieghu innifsu. Issa l-principju regolatur huwa li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f' dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi "** [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u tant sentenzi ohrajn .)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v. Cooper"** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Illi dawn il-kriterji japplikaw ugwalment kemm fil-kaz ta' appell mill-persuna misjuba hatja kif ukoll fil-kaz ta' appell mill-Prosekuzzjoni jew, f' certi kazijiet, mill-kwerelant.

Din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami approfondit mill-gdid tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' nuqqas ta' htija tal-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat, ghaliex dak li ghamel, ghamlu biex jiddefendi lilu nnifsu.

Ikkonsidrat;

Illi peress li mart l-appellat Michelle Galdes talbet li ma tixhidx kontra zewgha w l-Ewwel Qorti laqghet din it-talba, kull ma xehdu l-ufficjali tal-pulizija li nvestigaw il-kaz dwar dak li qaltilhom din il-persuna jikkostitwixxi "*hearsay evidence"* u ghalhekk mhux ammissibbli bhala prova kontra l-appellat.

Ghalhekk l-unici provi ammissibbli kontra jew favur l-appellat huma : 1. l-istqarrija tieghu stess (Dok. TS5) a fols. 21 sa 23 tal-process); 2. xi stqarrijiet verbali li seta' ghamel wara l-incident mall-Pulizija, kif ukoll 3. il-provi ta' natura medika dwar il-griehi li allegatament garrbet Michelle Galdes fl-incident in ezami.

Illi din il-Qorti ser tibda' biex tezamina dawn l-ahhar xorta ta' provi, biex, fl-ewwel lok, jigi stabilit x' ghamel ezatt l-appellat.

**Dr. Raymond Borg** (fols. 24 et seq.) xehed li hu kien ezamina lil Michelle Galdes nhar is-6 ta' Settembru, 2005, ghall-habta tal-10.40 pm u 00.40 am gewwa l-Mosta Health Centre, u sab li kienet qed issofri minn tbengil fuq in-naha tax-xellug tal-wicc dwar (recte : madwar) ix-xedaq tax-xellug u l-widna tax-xellug, emorogija mill-widna tax-xellug, tbengil fuq l-id tax-xellug, lacerazzjoni superficjali fl-imnieher, tbengil fuq in-naha tax-xellug tal-wicc u nuqqas ta' vizta fl-ghajn tax-xellug. Hu kien baghatha l-Isptar sabiex isiru aktar investigazzjonijiet. Ma setax jiehu ebda decizjoni dwar x' tip ta' natura kienu dawn il-feriti.

L-Ewwel Qorti b' digriet taghha tat-28 ta' Dicembru, 2005 (Fol. 31) kienet innominat lil Dr. Eric Farrugia sabiex jiddeskrivi l-feriti li sofriet Michelle Galdes u jghid jekk dawn l-istess feriti humiex ta' natura gravi.

Meta rrelata fis-seduta tas-17 t' Awwissu, 2006**, Dr.Eric Farrugia** (fol. 74 et seq. tal-process**)** xehed li hu ezamina lil Michelle Galdes fl-24 ta'Marzu, 2006, u dan fil-prezenza ta' zewgha w hi kienet qalet li xtaqet twaqqa' l-kaz minnufieh, pero' hu kien qalilha li ma setax jaghmel dan u n-nomina tieghu kienet biss biex jaghmel ezami mediku fuqha. Meta ezaminha, sab li fil-widna tax-xellug u tal-lemin kien hemm it-tamburi intatti u kienu normali. L-imnieher, l-ghonq u l-gerzuma ukoll kienu normali. Ghamlilha *"hearing assessment"* tas-smiegh u r-rizultat kien "*within the normal range",* kemm mix-xellug kif ukoll mill-lemin.

Xehed ukoll li meta Michelle Galdes kienet dahlet l-Isptar u kienet ezaminata mit-tabib tal-ENT, kien intqal li kellha toqba fit-tambur, din il-ferita meta xehed kienet ghalqet u ma kienx hemm konsegwenzi. Kien hemm fejqan spontanju w ma kienx hemm *physical impairment*. l-imnieher kien normali u ma kien hemm ebda fratturi. Pero' impenja ruhu li jerga' jara l-*history file* u jirrelata dwar imnieherha.

Qal pero' li dwar il-*perforation* tat-tambur kien qed jixhed biss fuq l-ezami li kien sarilha (minn haddiehor) fil-casualty dak in-nhar tal-incident. Gieli din il-*perforation* tibqa' toqba, pero' fil-kaz taghha ghalqet. Huma jaghtu periodu ta' tlitt xhur biex ferita taghalaq u, f' kaz li taghalaq, ma jiehdu ebda proceduri ulterjuri. Jekk ma tinghalaqax ssir operazzjoni.

Hu esebixxa w kkonferma r-relazzjoni tieghu Dok. EF a fol, 77 fejn hemm mizjud bil-linka :-

*"Grevious Injuries due to perforation of left eardrum But with spontaneous resolution and no physical impairment."*

B’ digriet tas-17 t’ Awwissu, 2006, (fol. 73) l-Ewwel Qorti kienet estendiet l-inkariku ta’ Dr. Eric Farrugia sabiex jara l-*history file* ta’ Michelle Galdes, b’ mod partikolari l-X-Rays ta’ wiccha mizmuma fl-isptarSan Luqa. Fid-dawl tad-dokumenti mehuda minn Doctor Nabil Dorman f’ Novembru, 2005  kif ukoll fid-dawl ta’ dak li rrelata Dr. David Ellul.

Meta rega’ xehed fid-9 t’ Ottubru, 2006 (fol. 80 et seq.) **Dr. Eric Farrugia** qal li ezamina l-X-Rays ’. Fl-istess nifs pero’ qal “*Nixtieq nghid li l-X-Rays kelli problema biex insibhom ghax ma stajtx insibhom*.”  Mhux car jekk fil-fatt sabhom jew ma sabhomx.  Zied jghid li ghamel riferenza ghan-noti li kien hemm fil-*history file* ta’ Michelle Galdes. Mill-*entry notes* tal-emergenza fis-6 ta’ Settembru, 2005, it-tobba li kienu ezaminaw lil Michelle Galdes kienu kkummentaw li Michelle Galdes kellha ksur fl-ghadma ta’ l-imnieher u kellha ukoll xi ksur fil-qarquca, cioe’ s-septum tal-imnieher. Kien ikkonsulta ukoll in-noti tal-“*out patients”* ta’ l-ENT u l-*casualty* tal-istess data w dawn kienu kkumentaw li ma kienx hemm *deviation* tal-ghadam u ghalhekk l-imnieher kien ghadu dritt u ma kienx hemm tbengil fil-qarquca. B’ hekk hu ikkonkluda li MichelleGaldes kellha ksur fl-ghadam tal-imnieher u li ma kienx hemm bzonn ta’ intervenmt u li ma kienx hemm tghawwig jew deformita’ fl-imnieher u jghid li l-feriti “kienu *grevious* pero’ mhux *per durata* ghaliex ghaddew fi zmien inqas (minn) xahar u ma hallew ebda difett.”

Ikkonsidrat;

Minn dan ir-ri-epilogu estensiv tal-provi  medici, din il-Qorti ghandha dubju serju dwar in-natura tal-feriti konstatati. Fl-ewwel lok ma ngabx bhala xhud it-tabib Dr. Nadir Dorman li kien irrilaxxja c-certifikat esebit a fol.16  ki jsemmi *fractured nose*, u *perforated left eardrum* , ghax lahaq telaq minn Malta fil-frattemp. Jidher ghalhekk li Dr. Farrugia rrelata biss fuq dak li ra fin-noti u li ma giex konfermat bil-gurament minn min kiteb l-istess noti. Li hu cert hu li meta hu ezamina lill-pazjenta xhur wara, sab kollox normali, kemm l-imnieher kif ukoll it-tnabar tal-widnejn.

Umbaghad, jekk stess veru kien hemm frattura fl-imnieher, jekk din hadet inqas minn tletin jum biex fieqet, kif xehed l-istess espert, u allura ma kienetx gravi *per durata*, fuq hix u fuq liema artikolu jew sub artikoli tal-artikoli 216 u 218 tal-Kodici Kriminali, Dr. Farrugia bbaza l-konkluzzjoni tieghu li din kienet *"grevious*" ?

Fi kliem iehor din il-Qorti ma tarax li gie pruvat lill-hin minn kull dubju dettat mir-raguni li l-feriti sofferti minn Michelle Galdes jew xi wahda minnhom kienu ta' natura gravi. Anzi gie eskluz minn Dr. Farrugia li kellha xi *physical impairment* u ergo hu eskluz li l-appellat kien ikkaguna debulizza permanenti fis-sahha jew f' xi funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew li ggib xi difett permanenti f' parti tal-ghamla tal-gisem jew li x' aktarx tkun hekk, kif gie akkuzat l-appellat originarjament u fin-nota tal-Avukat Generali tal-25 ta' Mejju, 2006 (Fol. 66).Ghal massimu jirrizulta biss sal-grad tac-certezza morali rikjesta fil-gudikant li l-offizi kienu biss ta' natura hafifa, kif del resto ukoll akkuza l-Avukat Generali fl-istess Nota meta ghamel riferenza ghall-artikolu 221 (1).

Ikkonsidrat;

Illi fl-istqarrija tieghu, **l-appellat** (fol.21et seq.) qal li fil-5 ta'Settembru, 2005, hu rritorna d-dar mix-xoghol u sab lil martu fis-sakra. F' hin minnhom hu beda jistaqsieha ghalfejn xorbot. Hi bdiet tghid li mhux veru xorbot imma hu baqa' jsostni li kienet xorbot. X' hin fettilha, qamet u tajjritlu l-ikel u dan gie mall-art u fuq is-sufan. Umbaghad <u>hu hatafha minn xagharha</u> w qalilha biex tigbru. Umbaghad martu mbuttatu w hu qalilha: *" ejja igbru"* .Umbaghad regghjet giet ghalih u bdiet tahtfu w tigref go fih. Hu ipprova jwaqqaf u hi baqghet sejra tigref go fih u hu mbaghad taha daqqa' ta' harta. Hi waqghet mall-art umbaghad qamet u fethet il-bieb tal-gallarija w kienet hierga mill-gallarija w hu haseb li kienet sejra taqbez u mar warajha. Dawwar idejh ma ghonqha w gibidha 'l gewwa w regghet waqghet u ghamlet xi ftit hin mall-art. X' hin qamet hu qalilha biex tmur torqod u hi hekk ghamlet u dahlet fis-sodda w marret torqod. Dan kien ghall-habta tat-

8.30 pm. Hu baqa' jara t-television u xi saghtejn wara gew il-Pulizija w qajjmu lil martu w haduha l-ghassa w hu mar maghhom fuq inizjattiva tieghu.

Wara hu mar gab certifikat mill-klinika tal-Mosta. Hu kellu grif f' sidru, go daru, go ghonqu w kellu xi tbengil fuq saqajh, xi qarsa. Dac-certifikat hu kien tah lill-Pulizija.

Hu cahad li kien sawwat lil martu. Kien gibidha minn xagharha. Jaf li martu kellha xi haga f' widnejha bid-daqqa ta' harta li kien taha, jassumi, w daqxejn ahmar fuq ix-xellug ta' wiccha *on the same side* ta' widnejha. Wara xi darbtejn jiddefendi lilu nnifsu ghax bdiet taghmel ghalih u tigirfu, jaf li taha daqqa ta' harta u jaf li waqghet u jaf li bid-daqqa ta' harta laqatha fuq ix-xellug ta' wiccha w widnejha. Dan ghamlu biex iwaqqafha milli tigi ghalih. Ta' imnieherha ma jafx kif gie. Il-mara mhux thobb tixrob imma gieli trixrob, mhux "*frequently".*

Ikkonsidrat;

Li minn din l-istqarrija jirrizulta li kien l-appellat li refa' idejh fuq martu l-ewwel, meta tajjritlu l-ikel fl-art. Hu kien *qabadha minn xagharha* w geghla tigbor l-ikel mill-art. Ghalhekk l-ewwel vjolenza fizika giet minn-naha tieghu. Jekk martu mbaghad irrejagixxiet u bdiet tigirfu w taqbad fih, hu ma jistax jinvoka d-difiza tas-"*self defence",* meta l-incident, mil-lat ta' vjolenza fizika kien bdieh hu. Jidher li l-affari kompliet teskala w hu spicca ta daqqa ta' harta b' certa forza – li sahansitra wasslet biex hi taqa' fl-art - li zgur ikkagunat lil martu offizi ta' natura hafifa.

Hu minnu li f' dawn l-incidenti domestici li jfaqqghu f' hakka t' ghajn ma' l-inqas suffarell mhux dejjem facli li wiehed joqghod ikejjel bil-kumpass min ikun beda w min kompla u kif kompla, pero', fil-fehma tal-Qorti anki jekk martu, wara li qabdilha xagharha, bdiet thebb ghalih, l-appellat kellu mezzi ohra biex irazzan lil martu milli taggredieh minnflok ma jatiha daqqa fuq wicca b' certa forza kif fuq intqal.

Ikkonsidrat;

Illi huwa pacifiku fid-dottrina nostrana in materja li biex tirmexxi d-difiza tal-legittima difiza, iridu jikkonkorru flimkien diversi elementi. Fl-ewwel lok irid ikun hemm perikolu minaccjat li jkun (1) ingust; (2) gravi u (3) inevitabbli. Il-perikolu kostitwit minn din il-minaccja trid tkun ta' perikolu attwali u assolut fis-sens li ma setax jigi evitat b' mezzi ohra. Mmbaghad, anki fejn jirrikorru dawn ir-rekwiziti kollha irid ikun hemm il-proporzjonalita' berjn l-aggressjoni gravi, ingusta w inevitabbli w r-rejazzjoni tal-persuna aggredita.

Illi din il-Qorti mhux sodisfatta, lanqas sal-grad tal-probabbli w avut rigward tal-ottika soggettiva tal-istess appellat, li kien hemm aggressjoni gravi da parti ta' martu li kienet tinnecessita din id-daqqa da parti tieghu. Ghalhekk tonqos wahda mir-rekwiziti ewlenin biex tirmexxi l-eccezzjoni tal-legittima difiza. Lanqas ma jidher li din il-minaccja kienet inevitabbli. Lanqas ma jidher li kien hemm proporzjon bejn l-agir ta' martu w d-daqqa qawwija li spicca taha fuq wiccha.

Ghalhekk l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jidher li hu gustifikat in parti, fis-sens li l-appellat ghandu jinstab hati li kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martu izda mhux ta' offiza ta' natura gravi. Ma kienx pero' l-kaz ta' *self defence,* kif irriteniet l-Ewwel Qorti ghax jonqsu r-rekwiziti biex tirmexxi din it-tip ta' difiza.

Illi dwar il-piena, dan ir-reat kommess fuq il-persuna tal-konjugi jimporta piena ta' prigunerija ta' zmien mhux izjed minn tlitt xhur jew il-multa, skond l-art. 221 (1) tal-Kap.9, mizjuda bi grad, stante li l-vittma hija l-mara tal-appellat, skond l-art. 222 (1)(a).

Mill-banda l-ohra pero' din il-Qorti qieset l-insistenza tal-istess martu li ma jittiehdux proceduri kontra zewgha l-appellat u li jitwaqqfu l-proceduri li bdew kif ukoll li, mill-fedina penali aggornata tieghu, jidher li din hija l-ewwel darba li hu qed jinstab hati ta reat ta' din ix-xorta w li l-unici zewg *convictions* li kellu huma dwar zewg reati tat-traffiku.

Ghalhekk, anki fl-interess tar-relazzjoni matrimonjali bejn l-appellat u martu li ma jidhrux li huma hziena, mhux il-kaz li tigi applikata piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali limitatament billi tirrevokha s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellat mhux hati tal-akkuza li kkaguna offiza ta' natura gravi fuq martu Michelle Galdes u minnflok, wara li rat l-artikoli 221 (1) u 222 (1)(a) tal-Kodici Kriminali, ssibu hati li fil-5 ta' Settembru, 2005, go, Flat 2, Mary Court, Triq Cassarino, San Pawl il-Bahar, f'xi hin bejn is-6 pm u nofs il-lejl, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq martu Michelle Galdes, u tikkundannah hamsin lira (LM50) multa, li, jekk ma tithallasx illum stess, tigi konverttita f' ghaxart ijiem prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------